**A.L. 288 tal-2014**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 504.124

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fil-proviso għas-subregolament (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ma jridx jaqbeż 38 metri kwadri.", għandhom jidħlu l-kliem "ma jista' qatt ikun aktar minn 38 metri kwadri:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda ukoll, jekk dik il-persuna li għandha l-liċenza qegħda fil-pussess kemm tal-liċenza maħruġa skont dawn ir-regolamenti kif ukoll tal-liċenza maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Pluviera u Malvizz), u jekk l-istazzjon jintuża mill-persuna bil-liċenza esklussivament għall-insib tal-Pluviera u, jew Malvizz u mhux għall-insib tal-għasafar tal-għana, dik il-pesuna liċenzjata tista' tuża f'dan l-istazzjon tal-insib xibka b'malji mhux inqas minn 30 mm u l-akbar daqs ta' kull xibka mhux aktar minn 60 metri kwadri.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fil-paragrafu (e) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera);", għandhom

jidħlu l-kliem "Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera):", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda ukoll, jekk dik il-persuna li għandha l-liċenza qegħda fil-pussess kemm tal-liċenza maħruġa skont dawn ir-regolamenti kif ukoll tal-liċenza maħruġa skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Pluviera u Malvizz), u jekk l-istazzjon jintuża mill-persuna bil-liċenza esklussivament għall-insib tal-Pluviera u, jew Malvizz u mhux għall-insib tal-għasafar tal-għana, dik il-pesuna liċenzjata tista' tuża f'dan l-istazzjon tal-insib xibka b'malji mhux inqas minn 30 mm u l-akbar daqs ta' kull xibka mhux aktar minn 60 metri kwadri;".

**L.N. 288 of 2014**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Finches) (Amendment) Regulations, 2014

BY VIRTUE of the powers conferred by articles 61 and 62 of the Environment and Development Planning Act, the Minister for Sustainable Development, the Environment and Climate Change has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Finches) (Amendment) Regulations, and these regulations shall be read and construed as one with the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Finches) Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. S.L. 504.124

**2.** In the proviso to sub-regulation (3) of regulation 3 of the principal regulations, for the words "in which case the largest net size should still not exceed 38 square metres.", there shall be substituted the words "in which case the largest net size should still not exceed 38 square metres:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso: Amends regulation 3 of the principal regulations.

> "Provided further that if such licensee is in possession of both the license issued under these regulations and the license issued in terms of the Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn live-capturing season for Song Thrush and Golden Plover, and provided that a live-capturing station is used by such licensee exclusively for the purpose of live-capturing Golden Plover, and, or Song Thrush and not for the purpose of live-capturing of finches, such licensee may use on this live-capturing station nets with a mesh size of not less than 30mm, and the largest net size shall not exceed 60 square metres.".

**3.** In paragraph (e) of regulation 7 of the principal regulations for the words "the Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn live-capturing season for Song Thrush and Golden Plover;", there shall be substituted the words "the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn live- Amends regulation 7 of the principal regulations.

capturing season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations:", and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

> "Provided further that if such licensee is in possession of both the license issued under these regulations and the license issued in terms of the Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations, and provided that a live-capturing station is used by such licensee exclusively for the purpose of live-capturing golden plover, and, or song thrush and not for the purpose of live-capturing of finches, such licensee may use on this live-capturing station nets with a mesh size of not less than 30mm, and the largest net size shall not exceed 60 square metres;".